Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VI/55*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 55 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar il-Ħamis 25 ta' Ottubru, 2012 fis-7.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sinjura Renance Vella Aquilina | Kunsilliera |

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 6-54

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Mill-Minuti 6-54

3.01 **Paragrafu 6.06** dwar xogħol li jrid isir minħabba problema tal-ilma tax-xita li Mario Gauci għandu mal-post tiegħu. Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa kien mar fuq il-post biex jara x'inhi l-problema. Fl-aħħar laqgħa kien sar suġġeriment li issir il-bankina iżda din ma kienitx ser issolvi l-problema tal-ilma tax-xita. Għalhekk is-Sindku ippropona li qabel issir il-bankina irid jinbena ħajt. Il-Kunsill qabel li l-materjal jitħallas mill-Kunsill filwaqt li Mario Gauci jagħmel ix-xogħol li hemm bżonn.

## 4. Korrispondenza

4.01 Memo 36/2012 – Is-sehem tal-Kunsilli Lokali fl-Istrateġija Ewropa 2020. Il-Meusac qed torganizza seminar dwar dan is-suġġett nhar il-Ġimgħa 23 ta' Novembru 2012.

4.02 Memo 37/2012 – Mistoqsija Parlamentari Numru 36814 dwar Intact Summer School in Stasbourg.

4.03 Memo 38/2012 – Skema dwar inizjattivi ta' Attivitajiet 2012-2013.

4.04 Giovann Cefai ta' Gozo Horse Racing Association informa lill-Kunsilli Lokali dwar attivita li ser issir fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-istaġun 2012-13 fil-kumpless ta' Xħajma. L-attivita ser issir fi żmien il-festa tal-Kunċizzjoni.

4.05 CareMalta Group infurmaw lill-Kunsill dwar Nazzareno Vassallo Award for initiatives in Elder Care. L-applikazzjoni jintlaqgħu sal-Ġimgħa 16 ta' Novembru 2012.

4.06 Ian Bajada, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun ta' Għawdex informa lill-Kunsilli Lokali dwar l-attivitajiet li ser isiru fl-okkażjoni ta' Jum Għawdex li se jiġi iċċelebrat nhar il-Ħadd 28 ta' Ottubru.

4.07 Ian Bajada, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun ta' Għawdex informa lill-Kunsilli Lokali dwar il-Laqgħa Annwali Plenarja tal-Kumitat Reġjonali ta' Għawdex li ser issir nhar is-Sibt 27 ta' Ottubru. Għal din il-laqgħa huma mistiedna biex jattendu l-membri kollha tal-Kunsill.

4.08 Charmaine Attard f'isem il-Kumitat ta' Puttinu Cares f'Għawdex infurmat lill-Kunsilli dwar attivitajiet li ser isiru biex jinġabru fondi għal din il-fondazzjoni.

4.09 Gian Farrugia ta' ME2 Project informa lill-Kunsilli Lokali li applikaw għall-Iskema ta' Impjieg Inklussiv fil-Komunita' biex jattendu għal-laqgħa ta' informazzjoni. Fil-fatt din il-laqgħa saret nhar il-Ġimgħa 19 ta' Ottubru u attenda għaliha s-Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-appikazzjoni tal-Kunsill tagħna diġa saret u qed nistennew li jibgħatulna lista ta' persuni eleġibli biex jaħdmu bħala hadnyman. Kif nirċievu l-lista ta' persuni, il-Kunsill irid jagħmel l-intervisti u jagħżel persuna waħda.

4.10 L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali infurmat lill-Kunsilli dwar il-laqgħa għall-Kunsillieri kollha li ser issir nhar is-Sibt 10 ta' Nobembru. Il-membri kollha huma mistiedna biex jattendu.

4.11 Victor Ellul informa lill-Kunsilli Lokali dwar ktieb li kiteb dwar il-futbol femminili. Il-Kunsill qabel li nixtru ktieb biex jinżamm fil-librerija.

4.12 Chev Tony Coleiro, f'isem Hotel Calypso, talab li jiltaqa' mal-Kunsill biex jiddiskuti proposti li qed jagħmel dwar aktar turiżmu f'Għawdex b'mod partikulari fix-xhur tax-xitwa. Il-Kunsill qabel li niltaqgħu miegħu u b'hekk dan is-suġġett ikun jista' jiġi diskuss aktar fid-dettal.

4.13 Glynis Pace infurmat lill-Kunsill dwar ħajt perikoluż li hemm fi Triq il-Fanal. Is-Sinjura Pace għaddiet ukoll rapport tal-Perit Scerri tax-xogħol li għandu jsir biex tissolva l-problema. Il-Kunsill qabel li nitolbu stima tax-xogħol li jrid isir.

4.14 Joe Fenech Soler ta' Blues Limited qed jipproponi li jagħmel tabelli tat-traffiku b'xejn lill-Kunsilli Lokali kemm 'l darba jingħata spazju fejn jagħmel reklami. Huwa qed jipproponi wkoll li jagħmel Mappa tal-lokalita'. Il-Kunsill qabel li niltaqgħu ma' Joe Fenech Soler biex niddiskutu din il-proposta aktar fid-dettal.

## 5. Ftehim mal-Green mt dwar ġbir ta' skart riċiklabbli

Il-Kunsill iddiskuta d-dokument ta' ftehim mal-Green mt dwar ġbir ta' skart riċiklabbli fil-lokalita' ta' L-Għasri. Il-Kunsill qabel unanimament li għandna inġeddu l-ftehim li għandna ma' Green mt. Is-Sindku ippropona li flimkien ma' Green mt nagħmlu inizjattiva ambjentali fejn lir-residenti inħeġġuhom aktar

jisseparaw skart mid-djar. Huwa ippropona li l-Ħamis 6 ta' Diċembru, meta jinġabar il-ħġieġ, dawk ir-residenti li jipparteċipaw f'din l-iskema jingħataw biljett li jissarraf f'xitla (poinsettia). Il-Kunsill qabel ma' din l-inizjattiva u għalhekk ser isiru l-avviżi u l-preparamenti meħtieġa biex din l-inizjattiva tkun tista' issir.

## 6. Rapport Finanzjarju ta' kull kwart – April/Ġunju – Lulju/Settembru 2012

Il-Kunsill iddiskuta r-rapporti finanzjarji ta' kull kwart ta' April sa Ġunju u Lulju sa Settembru 2012. Dawn ir-rapporti ġew approvati unanimament.

## 7. Attivitajiet u Tiżjien tal-Pjazza fi żmien il- Milied 2012

Il-Kunsill iddiskuta dwar l-attivitajiet li għandhom jiġu organizzati fi żmien il-Milied. Il-Kunsill qabel li jsiru l-attivitajiet kollha bħas snin preċedenti u għalhekk ser isiru l-avviżi u x-xogħol meħtieġ biex dawn ikunu jistgħu isiru. Ser isiru l-attivitajiet ta' fuq il-palk u anke l-party tat-tfal li jsir fil-Museum. Dwar it-tiżjin ta' Pjazza s-Salvatur, il-Kunsill qabel li għandna niġbru stimi u fil-laqgħa li jmiss jiġi deċiż minn ser jagħmel it-tiżjin. Il-Kumitat tal-Armar tal-Festa se jintalab biex jarma Triq Dun Karm Caruana kif sar fis-snin preċedenti. Il-presepju li jintrema' fil-pjazza ser isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

## 8. Offerta dwar Ġbir ta' Skart Domestiku

*F'dan il-ħin tal-laqgħa l-Viċi Sindku iddikjara interess pekunjarju u għalhekk ma ħax sehem f'din id-diskussjoni.*

Din l-offerta inħarġet flimkien mal-Kunsilli Lokali ta' San Lawrenz u L-Għarb. L-offerta kienet tagħlaq nhar it-Tnejn 22 ta' Ottubru 2012. Is-Segretarju Eżekuttiv kien preżenti waqt li infetħu l-offerti fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' L-Għarb. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li sal-ħin tal-egħluq fil-kaxxa tal-offerti intefgħu tlett offerti li huma KIP Għawdex Ltd, Nicholas Zammit u Anthony Mercieca. Is-somma globali tat-tlett irħula flimkien għal kull ġurnata ta' ġbir ta' skart hija hekk:-

| | |
|---|---|
| KIP Għawdex Ltd | €136.30 |
| Nicholas Zammit | €160.00 |
| Anthony Mercieca | €132.85 |

Ir-rata għal kull raħal għal kull ġurnata ta' ġbir ta' skart hija hekk:-

| | |
|---|---|
| KIP Għawdex Ltd | L-Għasri - €49.79 / San Lawrenz - €65.81 / L-Għarb – €45.00 |
| Nicholas Zammit | L-Għasri - €50.00 / San Lawrenz - €69.00 / L-Għarb – €55.00 |
| Anthony Mercieca | L-Għasri - €45.85 / San Lawrenz - €56.90 / L-Għarb – €30.10 |

Ir-rata għal kiri u tbattil ta' bin on wheels hija hekk:- (din ir-rata hija l-istess għall-irħula kollha)

KIP Għawdex Ltd
€10 l-ewwel sena, €12 it-tieni sena, €14 it-tielet sena, €16 ir-raba sena

Nicholas Zammit
€15 l-ewwel sena, €16 it-tieni sena, €17 it-tielet sena, €18 ir-raba sena

Anthony Mercieca
€0.00 (xejn)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li waqt il-ħin tal-ftuħ tal-offerti, Laurie Zammit f'isem KIP Għawdex Ltd ġibed l-attenzjoni li r-referenza mill-bank lokali ta' Anthony Mercieca ma kienitx iffirmata. Ġie innutat ukoll li l-offeta ta' Nicholas Zammit kellha dokumenti neqsin fosthom il-garanzija bankarja.

Il-Kunsill iddiskuta dwar l-offerti u qabel li għandna nipproponu lill-Kunsilli Lokali ta' San Lawrenz u ta' L-Għarb biex naħtru bord ta' evalwazzjoni tal-offerti. Għalhekk se nipproponu li issir laqgħa li fiha jattendu s-Sindki u s-Segretarji Eżekuttivi tat-tlett lokalitajiet u wara jinħatar il-Bord. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

Il-Kunsill innota wkoll kif ir-rata tar-raħal tagħna hija għolja meta komparata mar-rata ta' Kunsill li għandu popolazzjoni tlett darbiet aktar minn tagħna. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill tagħna għandu jenfasizza li r-rata globali tat-tlett irħula flimkien għandha tinqasam proporzjalment skond il-households jew skond il-popolazzjoni ta' kull lokal. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

**9. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 6-55 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**10. Materja oħra**

10.01 Maria Mizzi ta' Triq il-Knisja, talbet sabiex teħel lampa ġdida ma' arblu li hemm qrib id-dar tagħha peress li din il-parti tat-triq hija mudlama. Il-Kunsill qabel li naplikaw biex issir lampa ġdida.

10.02 Ninu Caruana ta' Notkin Triq il-Fanal talab biex issir rampa fl-inħawi ta' Gallina fejn għandu r-raba'. Is-Sindku se jara x'hemm bżonn isir dwar dan l-ilment biex isir ix-xogħol meħtieġ.

10.03 Mary Anne Aquilina talbet biex issir bankina mal-post tagħha fi Triq il-Kanun. Il-Kunsill qabel li issir din il-bankina.

10.04 Is-Sindku informa lill-Kunsill li x-xogħol fi Sqaq San Pupulju kien beda. Is-Sindku ippropona biex jekk ikun possibbli jitkompla l-isqaq kollu. Deċiżjoni dwar din il-proposta se tittieħed fil-laqgħa li jmiss biex l-ewwel naraw l-ewwel parti tal-isqaq lesta. B'hekk il-Kunsill ikun jista' jara x-xogħol li jkun sar u jiddeċiedi x'inhu l-aħjar li jsir.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar l-Erbgħa 28 ta' Novembru, 2012 fis-7.30p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-9.00p.m.

Andrew Vella
Sindku

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv